Kunsill Lokali Fontana

Minuti tal-laqgħa 20 tal-Kunsill Lokali tal-Fontana li saret nhar il-Erbgħa, 27 t'Awwissu 2014 fit-3.00 ta' wara nofs in-nhar fis-sala tal-Komunita'.

Preżenti għal laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Sindku |
| Is-Sur Victor Cefai | Viċi Sindku |
| Is-Sur Horace Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Mercieca | Kunsillier |
| Is-Sna. Odette Camilleri | Seg. Eżekuttiv |

1. Talba

1.1 Il-Laqgħa ġiet preseduta mis-Sindku, s-Sur Saviour Borg u bdiet b'talba.

2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-minuti tal-laqgħa 19 ġew approvati kif preżentati.

*Mill-Minuti*

2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ikomunikat mal-Perit Gordon Vella rigward il-ħruġ ta' offerta tat-tkomplija ta' l-aħħar 35 metru tal-ħajt fi Triq John Gaspard de le Merchant. Il-Perit ikkommetta ruħu li sal-laqgħa li jmiss ikun għadda lis-Seg. Eżekuttiv il-materjal utili għal ħruġ ta' din l-offerta.

2.3 Intalbu kwotazzjonijiet għal assigurazzjoni minn għand ħames kumpaniji, minn dawn, tlett kumpaniji kienu nteressati – Middle Sea Insurance, Mercieca Financial Investment Services u KDM Insurance. Infetħu l-kwotazzjonijiet quddiem il-Kunsill. Kien hemm qbil fost il-membri li għandu jintalab il-parir ta' l-accountant fuq liema hi l-aktar kwotazzjoni vantaġġjuża.

2.4 Ingħataw żewġ ħaddiema taħt l-iskema CWS – Manuel Buttigieg u Mario Portelli, dan meta l-uffiċċjal inkarigat mill-ETC f'Għawdex, is-Sur Marcel Bonnici kiteb lil Kunsill ġimgħa qabel li hemm ħafna skemi u ma sabu lil ħadd interessat.

2.5 Il-problema tad-drenaġġ fejn il-*water culvert* tal-Belvedere ta' Triq ta' Mullejja qed tiġi rranġata mit-Taqsima tad-Drenaġġ.

2.6 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li l-Kunsill irċieva il-komplament tal-fondi tal-measure 313 li b'kollox jammontaw għal €24,781.62. Għalhekk il-kont bl-isem –Kunsill Lokali Fontana –


Kunsill Lokali Fontana
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555


S. Borg

Measure 313 fil-Bank of Valletta ser jingħalaq u l-flus jiġu trasferiti fil-kont ta' tfaddil tal-Kunsill.

2.7 Sar *sample* ta' *patching* mill-Kumpanija VIAFIX fi Triq Kapillan Ġużeppi Ħili.

2.8 Ġie ffirmat il-Kuntratt tas-Segretarju Eżekuttiv għal 3 snin.

2.9 Is-Sindku nforma lil preżenti li wara l-laqgħa li saret mal-Kabinett, il-Kunsill inqeda minn żewġ materji milli kien ressaq, dik ta' l-għoti tal-ħaddiema u dik tal-ġbir tal-Fondi li kien baqa' tal-*measure 313.*

2.10 Rigward l-*interim audit* is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li ħadet il-parir ta' l-NAO *National Audit Office* fejn ġiet infurmata li m'hemmx bżonn tinħareġ kwotazzjoni għal *audits* għalkemm il-prezz jaqbeż l-ammont li tingħata *direct order*, peress li l-Gvern kien ħareġ Tender għal awditjar u dan għadu fis-seħħ. Is-Seg. Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-membri li l-prezz kwotat mill-awdituri għal awditjar kien ta' €1,150 + VAT mhux kif ġie nfurmat mill-Ex Aġent Seg. lil Kunsill. Rigward kwotazzjoni għal Accountant għal *interim audits*, s-Seg. Eżekuttiv ġiet infurmata li ma jistax jinbidel l-accountant qabel isir l-awditjar.

2.11 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil Preżenti li wasal il-permess tal-MEPA biex jinżabru s-siġar tal-ħarrub fi Triq Alessandro Franchi u li dan il-permess iservi għal sena. Il-Kunsill qabel li jqabbad lil Neville Mercieca li hu kwalifikat biex jagħmel dan ix-xogħol. Ser jintalab ukoll permess biex jinżabar il-palm tal-*belvedere* ta' Triq Ta' Mullejja u *l-playing field.* Qed jinbarxu biex jinżebgħu il-bankijiet tal-*belvedere* ta' l-inħawi mill-ħaddiema tas-CWS.

2.12 Il-Kunsill irċieva l-*acknowledgement* mill-MEPA għar-rapport li sar mill-Kunsill rigward l-*air conditions* li jinsabu imwaħħlin qrib l-Għajn fi Pjazza l-Għejjun.

2.13 Rigward il-ħlas lil Ex Aġent Seg. Eżekuttiv, il-Kunsill ircieva risposta minn għand l-Asst Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, Pio Farrugia, li l-Ex Aġent Seg. Eżekuttiv spiċċat mal-ħatra tas-Seg. Eżekuttiv. Il-membri ma qablux mar-rakkomandazzjoni tas-Sur Pio Farrugia dwar il-ħlas lil Ex Aġent Seg. Eżekuttiv u barra minn hekk talbet minn qabel 16-il siegħa għal mid-term audits. Kien hemm qbil unanimu fost il-membri, illi l-Kunsill m'għandux jaċċetta t-talba għal pagament tas-siegħat ta' Lulju mill-Ex Aġent Seg. Eżekuttiv. Is-Sindku issugggerixxa li għandha titħallas għalinqas parti mis-siegħat li inkitbu li għamlet biex tagħmel il-minuti kif ukoll il-*handover* lis-Seg. Eżekuttiv. Il-Kunsill iħoss li intalbu ħafna siegħat żejda u bħala siegħat imniżżla mhumiex spjegati fid-dettal kif seħħew u x'emejls u telefonati ġew irrisponduti. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li għalkemm bagħtet il-lista' ta' 27 materja li talbu l-Awdituri lil Ex. Aġent Seg. Eżekuttiv sabiex isiru l-*interim audits* xorta baqgħet bla risposta u għalhekk kellha tirrispondi kollox hi flimkien ma l-


Kunsill Lokali Fontana
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555


S. Borg

*accountant*. In oltre' dan sabet xi *payment vouchers* neqsin u l-Agenda tal-Kunsill mhumiex oriġinali.

3. Tindif tal-Wied tax-Xlendi fondi *Eco Gozo* – spjegazzjoni mill-Perit

3.1 Il-Perit informa lil preżenti li ltaqa' mal-bord ta' Unit B u Unit C sabiex jiġi approvat il-*method statement* mill-MEPA li ġie ssotometat mill-Eco Serv. Il-Perit spjega li l-*method statement* jitlob li l-Kunsill jirfes fil-parti n-niexfa tal-Wied biex ikun jista' jitnaddaf peress li b'makkinarju żgħir mit-triq eżistenti ma jintlaħaqx. Il-bord talab lil Perit sabiex jagħmel *amended application*, iżda din tieħu fit-tul barra l-ispejjes ta' sottomissjoni ta' l-applikazzjoni. Il-Perit staqsa lil Kunsill jekk għandux japplika sabiex jibqa' għaddej il-proċess. Is-Sindku qabel li jitkompla il-proċess għalkemm il-flus ta' l-*Eco Gozo* jistgħu jintilfu, għalhekk qal li għandha tinkiteb ittra lil Ministru għal Għawdex biex dawn il-fondi jibqgħu disponibbli, barra minn hekk jekk il-Kunsill jagħmel xi ħsieb li jagħmlu mill-fondi tiegħu jkun hemm il-permess lest peress li l-permess iservi għal ħames snin. Is-Sur Horace Micallef qal li l-flus ta' l-*Eco Gozo* diġa ġġeddu darb' oħra u l-Ministru għal Għawdex preżenti diġa tawwal iż-żmien. Is-Sur Carmel Farrugia qal li għandu jitkompla l-proċess u jekk il-Kunsill ikollu flus biżżejjed jagħmlu. Il-Viċi Sindku qal li la l-Kunsill diġa nafaq il-flus għal applikazzjoni u spejjes ta' Perit, il-proċess jitkompla u għalinqas il-Kunsill ikollu il-permessi f'idejh għal meta jkun il-waqt opportun. Is-Sur Mario Mercieca stqarr li ma jaqbilx li jitkompla l-proċess peress li l-Kunsill m'għandux garanzija jekk il-Kunsill għadx ikollu fondi biżżejjed. Is-Sur Horace Micallef tenna li għandu jitkompla l-proċess imbasta ma jerġa' jinbidel xejn mill-*method statement* ħalli malli jkun hemm il-fondi, it-tindif isir mingħajr ebda ostakoli. Is-Seg. Eżekuttiv ġiet imqabbda tikteb ittra lil Ministru għal Għawdex, kopja lid-Direttur Eco Gozo rigward l-intoppi li sab il-Kunsill fuq it-tindif tal-Wied fejn jintalab sabiex il-fondi mwegħda lil Kunsill ma jintilfux, iżda jekk f'każ li ma jistax isir dan, il-Kunsill jgħaddi għat-tieni *option*. L-*option* ta' l-installazzjoni tal-fanali *energy saving and enviromental friendly* lit-toroq li baqa'. Din kienet it-tieni għażla li saret mid-Dipartiment tal-*Eco Gozo* stess.

4. Għoti ta' l-Offerti

4.1 *Service of cleaning and maintenance of Public Convenience using Environmetally Friendly Products at Ta' Mullejja Street – Fontana –* FNT05/2014

- Intefgħu erba' offerti. Il-Kunsill qabel li l-offerta' tingħata lis-Sur Carmel Xerri li kienet l-aktar offerta vantaġġuża. Wara din id-deċiżjoni, il-Kunsill bagħat ikellem lis-Sur Xerri fejn reġa spjegalu



Kunsill Lokali Fontana
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

il-kundizzjonijiet ta' l-offerta u l-manteniment tajjeb ta' dawn il-latrini.

4.2 *Tender for the supply , installation, operation and maintenance of energy efficient online streaming equipment for Fontana Local Council meetings* – FNT06/2014

- Intefgħu tlett offerti. Il-membri qablu li kopja ta' l-*ispecifications* għandhom jgħaddu għand l-Inġ. Mario Galea għal evalwazzjoni tiegħu.

5. Korrispondenza

5.1 e-mail minn għand John E Vella mill-Uffiċċju ta' l-IDMO li qed jieħdu ħsieb il-ħruġ ta' l-ID Cards il-ġodda fejn talab sabiex il-Kunsill jgħin fit-tqassim ta' fuljetti. Il-Kunsill qabel li din l-għajnuna għandha tingħata miċ-Ċentru Parrokkjali peress li l-ID Cards ser isiru hemm sabiex jintbagħtu mal-bullettin.

5.2 Memo 23/2014 – Manutenzjoni tas-Sinjali u *markings* tat-toroq u *sleeping policeman.* Il-Kunsill qabel li dawn jinżebgħu.

5.3 Stedina lil Kunsilli Lokali għal żewġ wirjiet ta' Heritage Malta bi prezz susidjat. Il-membri qablu li meta ssir xi ħarġa lir-residenti f'Malta jżuru dawn il-wirjiet.

5.4 Stedina għall-konferenza dwar it-tnaqqis ta' burokrazija nhar 4 ta' Settembru 2014 li ser issir fis-sala tal-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku ser jattendi.

5.5 Is-Sindku u l-Viċi Sindku ser jattendu għal laqgħa tas-Sindki u l-Viċi Sindki nhar il-Ġimgħa u s-Sibt, 7 u 8 ta' Novembru 2014 li ser issir Għawdex. Ħadd mill-Kunsill ma jista' jattendi għal laqgħa Plenarja tas-Sibt, 18 t'Ottubru 2014.

5.6 Is-Sindku ressaq applikazzjoni tal-MEPA tas-Sna. Deborah Mercieca biex tirranġa post fi Pjazza Santu Wistin ir-Rabat. Bi żvista din l-applikazzjoni qed tidher taħt il-lokalita' tal-Fontana. Is-Seg. Eżekuttiv għandha tiġbed l-attenzjoni tal-MEPA f'dan ir-rigward.

5.7 Inbidlet tappiera miksura tal-logħob tan-nar fit-telgħa l-isfel mill-Knisja fi Triq il-Għajn wara rapport li sar mill-Kunsill lid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp

6. Approvazzjoni ta' Kontijiet

6.1 Skeda Nru 17 tal-ħlasijiet ġew approvati mill-membri tal-Kunsill.

7. Materji Oħra

*Sindku:*



Kunsill Lokali Fontana
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

7.1 Is-Sindku tkellem mal-Perit jekk jistax isir il-*membrane* biex ma ssirx ħsara lil bejt tat-tieni fażi taċ-ċentru ċiviku bl-ilma tax-xita dan peress li l-Bord ta' l-Appell tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali għadu ma tax sentenza minkejja li ilha għas-sentenza minn April li għadda. Il-Perit qal li jekk joħroġ l-ilma ma ssirx ħsara u qal li għandu jiġi kkonsidrat li jsir il-kontra bejt qabel.

7.2 Il-ħaddiema taħt l-iskema CWS għandhom jiżbgħu r-*railing* ta' Triq il-Għajn l-isfel mill-Knisja.

7.3 Isiru l-preparamenti neċessarji sabiex jitwaħħlu ż-żewġ fanali li l-Kunsill qabel li jżid fit-telgħa, l-isfel mill-Knisja fi Triq il-Għajn.

7.4 Is-Sindku propona li ssir Ħarġa għal Kemmuna, l-Ħamis, 11 ta' Settembru 2014. It-tluq ikun fis-1.30 ta' wara nofsinhar u lura fis-6.00 ta' fil-għaxija. Ir-Residenti jħallsu l-lanċa ta' Kemmuna biss waqt li t-trasport jiġi provdut mill-Kunsill. Min mhux resident barra l-lanċa ta' Kemmuna jrid iħallas €2.50 tat-trasport. Il-membri qablu ma dan.

7.5 Is-Sindku propona li ssir Ħarġa għan-*Notte Bianca* nhar l-4 t'Ottubru 2014. Il-membri qablu ma dan.

7.6 Rigward il-ħajt tas-sejjiegh li twaqqa' ħdejn l-Għajn il-Kbira waqt il-bini tat-triq tax-Xlendi kif ukoll ir-*railing* li tkisser fil-bidu ta' Trejqet ix-Xagħri, għandha tintbgħat ittra fejn tinġibed l-attenzjoni tad-Direttur Proġetti u Żvilupp u kopja lil Assistent Direttur biex dan jagħmilhom id-Dipartiment kemm jista' jkun malajr.

7.7 Kien hemm qbil li jsir il-*book binding* tal-minuti preċedenti.

7.8 Għadha ma bdietx ir-rotta tat-trasport pubbliku li tgħaddi mill-Fontana għax-Xlendi kif kien imwiegħed lil Kunsill is-sena l-oħra, minkejja li matul ix-xhur tas-Sajf żdiedu sitt rotot oħra għax-Xlendi minn fuq il-linja li tgħaddi mill-Munxar.

7.9 Dr Miralle Sacco nfurmat lil Avukat Jean Paul Grech li dwar il-fondi 189, 190 u 191 fi Triq il-Għajn fil-*file* tad-Dipartiment ta' l-Artijiet sabet ittra jekk il-Kunsill għadhux interessat f'dawk il-fondi. L-Avukat talab kopja ta' din l-ittra. Is-Sindku qal li dan il-każ diġa ġie diskuss f'April 2008 mill-Kunsill preċedenti fejn il-Kunsill sostna li għadu nteressat. Huwa wera kopja tal-minuti ta' dik il-laqgħa. Il-Kunsill qabel li jqabbad lil Avukat Jean Paul Grech biex iwieġeb li l-Kunsill tant għadu interessat li minn dakinhar l'hawn f'Ottubru 2010 saret id-devoluzzjoni lil Kunsill tal-fond 191 fi Triq il-Għajn għal ħlas ta' €350 fis-sena u minflok inbniet it-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku. L-Avukat Sacco nfurmat ukoll lil Avukat Grech li hemm ittra minn Kastilja data Mejju 2008 fejn tinforma li dawn il-fondi irridhom il-Kunsill Lokali tal-Fontana.

7.10 Saret laqgħa mas-Sur Jeremy Azzopardi tal-V18 fejn ingħata tagħrif dwar il-Fontana mis-Sindku. Attendiet ukoll għal laqgħa is-Seg. Eżekuttiv.

7.11 Is-Sindku flimkien mar-restawratur Raymond Bonello u l-Perit Ivana Farrugia kellhom laqgħa ħdejn in-niċċa tal-Kunċizzjoni fil-bidu ta'


Kunsill Lokali Fontana
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Triq il-Għajn kantuniera ma Pjazzetta Fuq it-Tomba dwar kif ser isir ir-restawr ta' din in-niċċa. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil Kunsill li l-fondi taħt l-iskema Restawr ta' Postijiet Storiċi għadhom disponibli allavolja kellhom isiru sa' Ġunju 2014.

7.12 Is-Sindku attenda laqgħa li saret fl-iskola sekondarja tas-subien, Victoria. Din ġiet organizzata mis-Seg. Parlamentari l-Onor. Dr Justyne Caruana dwar l-anzjani u l-mard tad-dementia.

7.13 Saret ħarġa soċjo kulturali f'Malta għal lejliet il-festa tas-Salvatur f'Ħal Lija. Attendew 29 persuna fosthom is-Sindku u l-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia.

*Viċi Sindku:*

7.14 Il-Viċi Sindku nforma lil preżenti li waslulu diversi lmenti li ħafna residenti ma kienux infurmati li l-Gimgħa, nhar Santa Marija l-iskart domestiku kien ser jinġabar. Is-Sindku u s-Sur Horace Micallef sostnew li l-Kunsill kien bgħat avviżi li l-iskart domestiku ser jinġabar kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa, Gimgħa u s-Sibt.

Il-laqgħa ntemmet fis-5.50 ta' fil-għaxija. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 29 ta' Settembru 2014 fit-3.00 ta' wara nofsinhar.

Saviour Borg
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv



Kunsill Lokali Fontana
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555